MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Numru. 489/2012

Il-Pulizija
(Sp Sylvana Briffa)
vs
Jon Charles Seabrook, iben Terrence, imwieled l-Ingilterra fis-6 ta’ Awwissu, 1983, karta ta’ l-identita’ numru 372602L

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fl-24 ta’ Marzu, 2012, ġewwa Marsaskala u ġewwa dawn iil-Gżejjer, iffalsifika xi biljetti tal-flus, jew mexxa biljetti tal-flus falsifikat li kien jaf li hu falsifikat;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtorita legali jew mingħajr skuza leġittima jew raġonevoli xtara jew irċieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess kien iffalsifikat.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lillakkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar, 2013 fejn jirrizulta li l-persuna danneġġjata hi Jennifer Magri u hi sofriet telf ta' €100.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fedina penali netta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €100 lil Jennifer Magri fi żmien tlett xhur mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------